# L-ISTUDENT FIS-SOĊJETA

mill-Professur Ġ. AQUILINA

IX-XEJRA fi żminijietna hi li l-edukazzjoni għandha timxi mal-ħtiġijiet tas-soċjetà. Hawn bħal rivoluzzjoni mad-dinja kollha kontra l-edukazzjoni akkademika li ddur fuqha nfisha u tibqa' maqtugħa minn dak li s-soċjetà teħtieġ. Illum, id-dinja hija maħkuma kullimkien minn idejoloġiji politiċi u għalhekk wieħed ma jridx jibla' dak kollu li jaqra f'gazzetti u kotba ispirati minn idejoloġiji partiġġjani. Min-naħa l-oħra, lanqas wieħed ma jrid iwarrab dak kollu li jaqra, kotba jew rapporti ta' nies li l-gvernijiet jinqdew bihom biex jagħmlulhom rapport fuq it-tagħlim fil-pajjiż, għax, ħafna drabi, dawn ikunu magħżulin mill-ewwel minn fost studjużi magħrufin għall-idejoloġija politika li taqbel ma' dik tal-gvern. Kull ma qed ngħid, mela, hu li għandna nistudjaw l-ideat ġodda jew qodma li minn żmien għal ieħor il-gvernijiet jinsistu fuqhom. Din l-insistenza fuq edukazzjoni marbuta mal-bżonnijiet tas-soċjetà qed inħossuha hawn Malta wkoll u l-aktar l-Università li qiegħda ġġarrab taqliba mingħajr programm. Taqliba tixbah lil taqliba ta' xi ħadd qed iħossu ħażin għax f'daqqa jinqabad bejn l-isfiduċja ta' l-imgħoddi u l-biża' ta' li ġej. Dan jiġri l-aktar meta l-pajjiż ikun nieqes minn nies ta' intellett għoli, nies formati fi studji u esperjenzi profondi. L-aktar forza qawwija aktarx fanatika li għandna hawn Malta hija dik tal-partiti li mħabba fihom Malta għadha 'l bogħod mill-grad ta' maturità li poplu jilħqu biss meta jkun edukat biżżejjed biex jista' jgħarbel l-ideat tiegħu u ta' ħaddieħor u jagħżel bejn idea u oħra mingħajr il-ħakma tal-passjoni partiġġjana li ddallam il-moħħ. Biż-żmien għad nilħquh dan il-grad ta' maturità, imma s'issa, wara daqshekk sekli ta' kolonjaliżmu, għadna daqsxejn 'il bogħod. F'Malta għandna iktar imħuħ sħan milli mħuħ formati. Fl-aħħar mill-aħħar, is-soċjetà Maltija għadha ssofri l-effetti ħżiena ta' snin kbar ta' kolonjaliżmu meta l-ħakkiema ħallewna lura. L-istudent universitarju li, bis-saħħa ta' l-intelliġenza tiegħu, u mhux għax imbuttat minn xi ħadd, jidħol għall-kors fl-Università jista' jagħmel ħafna biex imexxi s-soċjetà Maltija lejn maturità soċjali u edukattiva aktar milli kellna sa issa. Dan jista' jagħmlu b'diversi modi, imma l-aktar billi, wara li jkun eduka lilu nnifsu biżżej-

jed, jipprova jeduka lill-poplu, u hekk joħroġ sehmu minn kmieni għall-formazzjoni ta' soċjetà matura.

B'din il-kitba qasira, se nsejjaħ l-attenzjoni ta' l-istudenti għall-analisi ta' prinċipj u ideoloġiku li semmejt fil-bidu, jiġifieri li l-edukazzjoni fl-Università għandha tintrabat bilfors mal-bżonnijiet materjali tal-poplu. Bħala prinċipju ġenerali hekk għandu jkun. Minnaħa l-oħra, l-istudent li jixtieq isalva l-Università minn diżastru irid ikun jaf sa fejn jista' jaċċetta dan il-prinċipju u fejn għandu jibda jagħmel ir-riservi tiegħu u reżistenza. Biex jagħmel dan, irid ikollu qabel xejn idea ċara ta' x'inhi università. Dak li qal Cardinal Newman dwar in-natura ta' l-università bħala l-ogħla skola fejn l-intellett ta' studjuż jinsann ma' l-intellett ta' studjuż ieħor, fejn wieħed jista' jiftaħ u jwessa' toroq ta' tiftix fondamentali (*fundamental knowledge*), għadu veru daqs kemm kien veru fi żmienu, u daqs kemm kien veru fis-sekli ta' qabel minn mindu bdew jinfetħu l-universitajiet bħala akkademji ta' tiftix ta' għerf li minnhom ħarġu l-akbar intelletti fl-istorja taċ-ċiviltà tad-dinja. Fi kliem ieħor, waqt li jaċċettaw il-prinċipju tar-rabta ta' l-edukazzjoni mal-ħtiġijiet materjali tan-nazzjon, jeħtieġ li l-istudenti jagħmlu reżistenza qawwija għal kull attentat biex l-edukazzjoni fl-Università tkun utilitarja biss u ma joqogħdux jitgħammxu b'kull ma jgħidulna esperti barranin għax dawn mhux dejjem huma għorrief daqs kemm igħidulna, u lanqas ma huma dejjem nies li jirrapreżentaw l-idea ġenerali ta' x'inhi università u ta' kif għandha tkun l-edukazzjoni universitarja. Sfortunatament, anke fost studjużi li jridu jagħmlu karriera politika, issib min hu lest biex jissagrifika l-idea ta' università fis-sens storiku tagħha basta jaqdi l-ideoloġija politika talgvern.

Kieku t-tagħlim fl-Università kellu jkun utilitarju biss, ma kien ikun hemm ebda differenza bejn università u politekniku. Dawk li huma lesti biex jaċċettaw edukazzjoni utilitarja biss iridu jkunu lesti wkoll biex jabbandunaw l-idea ta' università kif uritnieha mingħand il-Granmastru Pinto, minn żvilupp żgħir għal żviluppi akbar u li sata' jkun wisq aħjar, fi tradizzjoni storika ta' università bħala post fejn l-istudenti jirċievu formazzjoni intellettwali li tiftħilhom moħħhom għall-valuri ċivili u morali u, fl-istess ħin, tqabbadhom ittriq tar-riċerka (*research*). Mela l-istudent li għandu għal qalbu din l-università, jekk ma jridx jaraha tmut wara ż-żmien ta' l-agonija li għaddejja minnu, jeħtieġlu jinsisti għall-għaqda taż-żewġ funzjonijiet tagħha bħala l-akkademja ta' (i) l-ogħla tagħlim u (ii) riċerka anki jekk din ir-riċerka ma tkunx marbuta mill-ewwel ma' riżultati prattiċi immedjati. L-Università tagħna kienet, u għadha, l-aqwa ak-

kademja ta' l-oghla taghlim fil-gzira, imma ghadha ma ghamlitx enfasi bizzejjed fuq ir-ricerka min-naha ta' dawk li jghallmu ghalkemm din hija *obligazzjoni kontrattwali* fil-*letter of appointment.* F'universitajiet Amerikani min ma jippubblikax xoghlijiet ta' valur fuq is-suġġett tieghu (jekk ma jaghmilx hekk l-istudju jhallih fejn sabu), l-awtoritajiet iparpruh 'il barra – *Publish or Perish* – jinghad f'universitajiet Amerikani. Hawn Malta la darba wiehed ikun lahaq ha l-pożizzjoni tieghu fl-Università li hi, fl-istess hin, impieg ghal ghomru, u jaf li s-salarju ha jibqa' diehel xorta wahda jekk jahdem il-*bare minimum* ta' l-impieg daqs dak li jiddedika ruhu ghar-*research*, u jipproduċi, m'ghandu xejn x'ihajru jew iniggżu biex jaghmel ir-*research* fis-suġġett li jghallem. Bizzejjed wiehed jaghti daqqa t'ghajn lejn lista ta' ghalliema ta' l-Università fl-imghoddi li x'uhud minnhom imlew katedri ghal snin twal – ghomor ta' bniedem – u madanakollu ma hallew xejn warajhom li jfakkar li xi darba kienu ghalliema fl-Università. Dawk li jinteressahom dan l-argument imisshom jaqraw il-ktieb *List of Publications by Members of the Teaching Staff of the University* (1966) tal-Professur P.P. Saydon.

Din ma hix sitwazzjoni li wiehed jista' jaghlaq ghajnejh ghaliha u lanqas jiskot fuqha. Nistaqsu: Ghandu d-dritt l-istudent u l-obbligu li jinteressa ruhu f'din il-problema? Ghala le? Mhux l-Università u l-prestiġju taghha jitilfu meta minghand min ighallmu l-istudent ma jiehu xejn aktar mill-*bare minimum* fil-klassi? Dan huwa argument li forsi qatt ma ġie trattat minn dan il-pont oġġettivament ghaliex l-istudent kien meqjus bhala soġġett passiv – jiehu dak li jtuh u jaghlaq halqu anke jekk l-ikel ikun hobż mimghud (*rebashed material*).

Qed nghixu fi żmien ta' reviżjoni ta' ideat qodma. L-istudent mhux biss ghandu dritt li jidhol f'dan il-proċess ta' reviżjoni, imma ghandu wkoll jaghti l-kontribut tieghu biex isseħħ mill-aktar fis reviżjoni ta' mentalità li hi hafna drabi wisq aktar burokratika milli akkademika.

Bhal issa qed jiġini punt iehor – dan hu l-ahjar użu li jista' jsir mill-istamperija ta' l-Università ghall-qadi ta' xoghol ta' riċerka qabel kull xoghol li mhux ta' natura akkademika. L-istudent hu kuntent bil-kotba ta' valur akkademiku li herġin mill-istamperija ta' l-Università? Herġin kotba bizzejjed li jżommu l-istima ghall-Università taghna fl-opinjoni pubblika?

Qabel naghlaq irrid inċara punt. Min jaqra din il-kitba bl-ebda mod m'ghandu jifhem li m'hemmx x'uhud mill-ghalliema ta' l-Università li qed jaghmlu, u li ilhom jaghmlu, studji ta' riċerka u li huma

tassew *dedicated scholars*. Lil dawn naqalgħulhom il-kappell, imma jibqa' l-fatt li l-Università ta' Malta, minnha nfisha, kif inhi organizzata burokratikament (u kif burokratikament!) mhix mitfugħa fuq ir-*research work* (kull Fakultà u kull Dipartiment għandu l-għalqa tiegħu x'jaħdem) u li dak li jinxteħet għar-*research work* ħafna drabi jġarrab sens ta' frustazzjoni għax iħoss li l-atmosfera hi indifferenti u ħafna drabi negattiva, biex ma ngħidx li ħafna drabi jaħbtu aħjar dawk li jixterdu u jaħdmu anqas.